QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 13 TA' GUNJU , 2002.

APPELL NRU. 36/2002 JGD

IL-PULIZIJA.

VS

RAYMOND SAID .

il-Qorti ,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Raymond Said quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura Kriminali fl-24 t'Ottubru, 2001 ,talli fl-1 t'Ottubru, 2001, kif ukoll fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dawn il-Gzejjer, naqas li jaghti lil martu Eileen Said is-somma ta' LM100 fil-gimgha bil-quddiem bhala manteniment ghall-martu u ghall-uliedu minuri liema somma giet iffissata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'digriet numru 1206/01.

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Frar, 2002, li biha wara li rat l-artikollu 338 (z) u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet li l-imputazzjoni tirrizulta u ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' hamest (5) ijiem detenzjoni .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu prezentat fil-21 ta' Frar, 2002 , fejn talab li din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata billi l-appellant jigi dikjarat mhux hati u liberat u f'kaz li l-appell ma jintlaqax, joghogobha tirriforma is-sentenza fil-parti tal-piena billi minnflok tigi imposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat li l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu filli l-ewwel Qorti qatt ma setghet legalment u ragonevolment issib htija abbazi tal-imputazzjoni kif dedotta u dan ghax mart l-appellant kienet iddikjarat bil-gurament li kienet irceviet l-alimenti sax-xahar ta' Settembru, 2001 u li kien ghada qed tistenna il-hlas ghax-xahar t' Ottubru , 2001 u xi xhur sussegwenti ; li l-appellant kien qed jaghmel minn kollox biex ihallas minkejja id-diffikultajiet finanzjarji li kien jinsab fihom ; li l-appellant ma kellux jinstab hati ta' imputazzjoni abbazi ta' provi li jmorru oltre il-parametri cari u definiti tal-imputazzjoni kif effettivament dedotta u li il-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet eccessiva tenut kont tad-diffikultajiet finanzjarji li jinsab fihom u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena.

Rat il-verbali tad-diversi differimenti li saru sabiex forsi din il-vertenza tigi komposta billi l-appellant ihallas dak ordnat mid-Digriet tal-alimenti , u senjatament dak tal-4 t'April, 2002 fejn Dottor Martin Fenech ghall-parte civili kien iddikjara li sa dik id-data kien dovut minnghand l-appellant ammont ta' LM2455 inkluzi arretrati u dak registrat mid-difensur tal-appellant fis-seduta tal-11 t'April, 2002 , fejn irritjena li l-bilanc dovut mill-appellant kien ta' LM556 kif jidher mill-prospett esebit (fol.30) kif ukoll il-verbal registrat minn Dr. Fenech ghall-parte civili fis-seduta tat-18 t'April, 2002 fejn gie dikjarat li l-appellant mill-ahhar differiment kien hallas lil martu is-somma ta' LM545 li jigi aktar mill-mertu tal-ammont li kien instab hati li ma kienx hallas fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti.

Rat ukoll il-verbal tal-Prosekuzzjoni li bih in vista ta' dan il-pagament , ma baqghetx tinsisti ghall-piena

karcerarja.

Ikkunsidrat ;

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant li l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija abbazi tal-imputazzjoni kif dedotta , din il-Qorti thoss li dan hu aggravju fondat :-

Illi il-kontravvenzjoni addebitata lill-appellant hija dik kontemplata fl-art. 338 (z) tal-Kap.9 liema sub-inciz jiddisponi testwalment hekk:-

> "Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku -
> (z) meta hekk ordnat minn xi Qorti jonqos li jaghti lil martu jew tonqos milli taghti lil zewgha is-somma ffissata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghaliha jew ghalih u , jew , ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih , skond dak l-ordni , ikollha tithallas dik is-somma"

Issa fil-kaz in ezami giet esebita kopja legali tad-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili numru 1206/2001 moghti fil-21 t'Awwissu, 2001 fejn l-appellant gie ordnat sabiex pendente lite quddiem dik l-istess Qorti u quddiem il-Qorti Civili Prim' Awla ihallas lil martu bhala manteniment ghaliha is-somma ta' hamsin lira Maltin (LM50) fil-gimgha u ghall-minuri s-somma ta' hamsin lira Maltin (LM50) ohra fil-gimgha pagabbli kull gimgha bil-quddiem fir-residenza ta' martu u dana b'effett mid-data tal-istess Digriet u cioe'. mill-21 t'Awwissu, 2001. Ma hemmx dubju li dan id-Digriet kien ghadu in vigore f'Ottubru , 2001 u giet esebita ukoll kopja legali tac-citazzjoni relattiva prezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Settembru, 2001 , fejn mart l-appellant inoltrat it-talba taghha ghall-manteniment "inter alia" kontra l-appellant.

Minn dan id-Digriet jirrizulta li l-appellant kellu jaghmel pagamenti settiminali bil-quddiem kull gimgha mid-data tad-Digriet u peress illi id-Digriet inghata fil-jum tal-21 t'Awwissu 2001 li kien jum tat-Tlieta , dawn il-pagamenti settiminali kellhom isiru kull nhar ta' tlieta. Ghalhekk fix-xahar t'Ottubru, 2001, l-appellant suppost li hallas mitt-lira fil-gimgha , it-Tlieta 2, 9, 16 23 u 30 tal-istess xahar . Illi l-akkuza pero' tirriferi ghall "1 t'Ottubru kif ukoll fix-xhur ta' qabel " u mhux ghal dawn id-dati .

Illi ghalhekk fid-data tal-1 t'Ottubru, 2001 proprjament ma kien dovut ebda pagament ghax l-ewwel pagament settimanali ta' Ottubru 2001 kien dovut fit-2 t'Ottubru skond l-imsemmi Digriet , jum tat-Tlieta kif fuq intqal . Inoltre jidher li hu pacifiku bejn il-parte civile u l-appellant li ghall-Awwissu u Settembru 2001 ma kienx hemm problemi fil-hlasijiet settimanali u ghalhekk l-akkuza , kif harget kontra l-appellant , ma setghet qatt treggi u ladarba ma intalbet ebda korrezzjoni taghha fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti , din il-Qorti ma tistax tissanha f'dan l-istadju . Huwa minnu li ghall-periodu sussegwenti ghal dak imsemmi fic-citazzjoni u cioe' mit-2 t'Ottubru 2001 sal-lum , l-appellant akkumula arretrati sostanzjali fil-hlas tal-manteniment dovut , arretrati li tnaqqsu xi ftit bi hlas ta' ammont ta' LM545 fil-mori ta' dan l-appell , pero' dawn il-hlasijiet ma humiex koperti bic-citazzjoni li harget kontra l-appellant u, se mai, iridu jifformaw mertu ta' proceduri kriminali ohra u distinti minn dawk mertu ta' din il-kawza , haga li din il-Qorti qed taghmel rakkomandazzjoni serja lill-appellant li ma jkunx hemm bzonnhom .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata u l-appellant qed jigi liberat minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) J. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep/Registratur
13.06.2002